A.L. 117 ta' l-2004

ATT TA' L-2003 DWAR L-UNJONI EWROPEA (ATT NRU. V TA' L-2003)

Ordni ta' l-2004 dwar is-Sospensjoni ta'Ċertu Provvedimenti fir-rigward tal-Parlament Ewropew

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 4(2) ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Unjoni Ewropea, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:–

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni ta' l-2004 dwar is-Sospensjoni ta'Ċertu Provvedimenti fir-rigward tal-Parlament Ewropew.

Sospensjoni ta' ċerti disposizzjonijiet.

Att XVI ta' l-2003.

2. Minkejja kull ħaġa li tinsab fl-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew, matul il-perjodu bejn l-1 ta' Mejju, 2004 u l-bidu taż-żmien 2004-2009 tal-Parlament Ewropew, membri tal-Kamra tad-Deputati jistgħu jkunu Membri tal-Parlament Ewropew u kull disposizzjoni ta' l-Att ta' l-2003 dwar l-Elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew li tmur kontra dan għandha matul dak il-perjodu tkun sospiża u jkollha biss effett dwar l-elezzjoni ta' membri tal-Parlament Ewropew li għandhom isiru f'Ġunju 2004 u elezzjonijiet sussegwenti.